

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2007/0114(CNS)**

29.1.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet Komunitarji u l-aċċess għal bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet Komunitarji

(COM(2007)0330 – C6-0236/2007 – 2007/0114(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Marie-Hélène Aubert

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Qed isir ħafna sajd mill-bastimenti tas-sajd ta' l-UE barra mill-ilmiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Komunità. Skond l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, 40% mit-total tal-flotta ta' l-UE f'termini ta' tunnellaġġ tal-bastimenti joperaw f'baħar miftuħ jew f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi, għalkemm dak li jinterssa lil dan il-kumitat huma l-attivitajiet ta' l-UE fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bastimenti minn pajjiżi oħra jistadu wkoll fl-ibħra ta' l-UE, notevolment b'konformità mat-termini ta' dawk li jissejħu "Ftehimiet tat-Tramuntana".

Għalhekk huwa importanti ħafna li l-UE jkollha sistema ċara sabiex tawtorizza ż-żewġ tipi ta' attivitajiet. Din il-proposta leġiżlattiva tagħmel parti mill-isforzi tal-Kummissjoni sabiex "tissimplifika" il-Politika Komuni tas-Sajd (CFP). Din toħloq regoli u kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni u għall-ħruġ ta' liċenzji għas-sajd, tiċċara r-responsabilitajiet tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri u tispeċifika r-rekwiżiti tar-rappurtaġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd.

Il-Kummissjoni tintroduċi numru ta' ideat innovattivi li jtejbu l-konformità mat-termini tal-ftehimiet dwar is-sajd u joħolqu aktar trasparenza fl-attivitajiet tal-bastimenti ta' l-UE fl-ilmiet tal-pajjiżi terzi.

Tipproponi b'mod partikulari kriterji stretti għall-bastimenti tas-sajd li jixtiequ jibbenefikaw mit-termini tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi. Bastimenti li wettqu xi ksur serju tas-CFP waqt it-tmax-il xahar preċedenti, jew li ġew imniżżla fil-lista stabbilita internazzjonalment tal-bastimenti li joperaw b'mod illegali, m'għandhomx ikunu eliġibbli għal liċenzja. Dawn huma ideat tajbin, konsistenti mal-ġlieda ta' l-UE kontra l-IUU (sajd illegali, mhux irregolat u mhux irrappurtat).

Proposta pożittiva oħra tkopri n-nuqqas ta' l-Istati Membri milli jwettqu r-responsabilitajiet tagħhom. Jekk Stat Membru jonqos milli jirrapporta dwar l-attivitajiet tal-bastimenti tiegħu, jonqos milli jagħlaq negozju tas-sajd meta tkun ġiet eżawrita l-kwota jew jonqos milli jiżgura li jintlaħqu r-rekwiżiti l-oħra (il-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tas-satellita, ġurnali ta' abbord (logbooks), eċċ), il-Kummissjoni tkun intitolata li teskludi l-bastimenti ta' dak l-Istat Membru milli jistadu skond il-ftehim. Billi ċerti tipi ta' bastimenti tal-flotta ta' l-UE li jbaħħru fl-ibħra mbegħda, speċjalment il-flotot li jużaw il-konzijiet tal-wiċċ, spiss jinjoraw ir-rekwiżiti li jirrapportaw il-qabdiet, din l-idea għandha tintlaqgħa.

Minħabba l-prijorità għolja li l-Kummissjoni u l-UE jagħtu lill-ġlieda kontra s-sajd IUU u kontra t-telf sinifikanti tar-riżorsi tas-sajd minħabba l-bastimenti IUU li joperaw fil-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw, għandha tiġi proposta emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.

Numru ta' korpi internazzjonali (magħrufa bħala Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Immaniġġjar tas-Sajd jew RFMOs), adottaw is-sistema ta' listi tal-bastimenti involuti f'attivajiet ta' sajd IUU. Il-proposta attwali tipprojbixxi lil kull bastiment bil-bandiera ta' l-UE li jkun fuq dawn il-listi milli tinħariġlu liċenzja għas-sajd barra mill-UE. Minn meta ħarġet din il-proposta, il-Kummissjoni ppubblikat proposta oħra dwar il-ġlieda kontra s-sajd IUU li tinkludi l-ħolqien ta' lista speċifika ta' l-UE tal-bastimenti IUU, sabiex il-bastimenti li jinsabu fuq il-lista ta' l-UE jiġu trattati bl-istess mod bħal dawk il-bastimenti fuq il-listi ta' l-RFMO. Ġiet proposta emenda f'dan ir-rigward.

Jidher li d-diskussjonijiet fil-Kunsill qed jiffukaw fuq ċerti aspetti ta' din il-proposta li ma japplikawx għall-ftehimiet tas-sajd mal-pajjiżi ta' l-ACP u mhux ċar sa liema punti se tiġi mmodifikata l-proposta, u jekk xi aspetti hux se jiġu inklużi f'regolament ieħor marbut mal-kontroll tas-sajd ġenerali. Irrispettivament f'liema regolament ser jidhru l-miżuri msemmija hawn fuq, ir-rapporteur hija tal-fehma li huwa importanti ħafna li dawn jinżammu.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill- Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni<sup>1</sup>

Emendi tal-Parlament

---

### Emenda 1 Artikolu 2, punt (n)

(n) Lista IUU: lista ta' bastimenti tas-sajd identifikati fil-qafas ta' RFMO, bħala bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat;

(n) Lista IUU: lista ta' bastimenti tas-sajd identifikati fil-qafas ta' RFMO ***jew mill-Kummissjoni fl-ambitu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) No... ta' ... [li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex jiġi evitat, skoraġġut u eliminat is-sajd illegali, mhux irrapurtat jew mhux regolat]***<sup>1</sup> bħala bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat;

---

<sup>1</sup> COM(2007)0602.

---

<sup>1</sup> Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet Komunitarji u l-aċċess għal bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet Komunitarji
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0330 – C6-0236/2007 – 2007/0114(CNS)
<b>Kumitat responsabbli</b>	PECH
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 3.9.2007
<b>Rapporteur għal opinjoni:</b> Data tal-ħatra	Marie-Hélène Aubert 17.7.2007
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	29.1.2008
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 32 –: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Marie-Arlette Carlotti, Corina Crețu, Ryszard Czarnecki, Nirj Deva, Koenraad Dillen, Fernando Fernández Martín, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Madeleine Jouye de Grandmaison, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Gay Mitchell, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, José Ribeiro e Castro, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Johan Van Hecke, Jan Zahradil
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sorin Frunzäverde, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Atanas Papanizov, Anne Van Lancker, Ralf Walter, Renate Weber
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Catherine Neris